# Żjarat fir-Riserva Naturali ta' Niscemi

## BirdLife Malta torganizza żewġ *day trips* tradizzjonali tar-rebbiegħa fi Sqallija, wieħed għall-membri tagħha u l-ieħor għall-BOV Sports & Social Club, li kellu attendenza rekord

Ix-xahar li għadda l-Events & Activities Group ta' Birdlife Malta b'kollaborazzjoni mal-imsieħba Taljani tagħna fil-familja tal-BirdLife LIPU (Lega Italiana Protezione Uccelli) u C.E.A Onlus Niscemi (Centro Educazione Ambientale – Museo Didattico di Storia Naturale) organizza żewġ *day trips* lejn ir-Riserva Naturali ta' Niscemi fi Sqallija li hi magħrufa għas-Siġra tas-Sufra (Cork Oak), tip ta' Balluta. Din ir-riserva hi mifruxa fuq medda art ta' kważi 3,000 ettaru u hija fost l-aktar foresti popolari fir-reġjun ta' Caltanissetta li jinsab fin-naħa t'isfel ta' Sqallija.

L-ewwel *day trip* tradizzjonali tar-rebbiegħa fi Sqallija kien organizzat għal 55 membru ta' BirdLife Malta s-Sibt 7 ta' April u ikkonsista fi *trek* ta' 4 km. Il-foresta tinkludi wkoll varjetà ta' siġar oħrajn bħal dawk tal-Fagu u diversi tipi ta' siġar tal-Ballut bħat-Thorny Oak u d-Downy Oak. Fl-inħawi hemm ukoll diversi arbuxxelli li dejjem iħaddru bħad-Deru, l-iStrawberry Tree, ir-Riħana, Ħaxixet il-Mikinsa, il-Ġummar u ċ-Ċistu kif ukoll ħwawar bħas-Sagħtar u l-Klin. Diversi speċi ta' għasafar ibejtu fir-riserva jew ipassu minn fuqha. Ir-riserva kienet mimlija fjuri selvaġġi u l-kollegi tal-LIPU tawna spjegazzjoni dettaljata dwar il-flora u l-fawna li hemm fl-inħawi fosthom dettalji dwar is-Siġra tas-Sufra monumentali (ara r-ritratt mehmuż) li jingħad li għandha 500 sena, jiġifieri hija l-ixjeħ waħda fir-reġjun tal-Mediterran. Wara ikla tradizzjonali f'razzett tipiku tal-agrituriżmu, il-grupp kellu wkoll *tour* iggwidat madwar il-belt storika ta' Niscemi.

It-tieni vjaġġ lejn Sqallija kien organizzat għall-Bank of Valletta Sports & Social Club nhar il-Ħadd li għadda 29 ta' April. Dan kien jikkonsisti fi *trek* ta' 10 km madwar ir-riserva u ikla apetituża fl-istabbiliment agrituristiku. Il-BOV Sports & Social Club twaqqaf biex jorganizza attivitajiet soċjali li jġibu flimkien lill-impjegati tal-Bank of Valletta u l-familji tagħhom barra mill-uffiċċju, u dan kien it-tielet *day trip* fi Sqallija organizzat mill-Events & Activities Group ta' BirdLife Malta għal dan il-klabb tal-BOV. Il-vjaġġ ta' din is-sena kellu attendenza rekord, b'total ta' 72 impjegat tal-bank jippartecipaw fl-attività.

Dettalji aġġornati kontinwament dwar l-attivitajiet li torganizza BirdLife Malta jistgħu jinkisbu mis-sit elettroniku tagħna fl-indirizz: https://birdlifemalta.org/events. Membri ta' BirdLife Malta jingħataw prijorità f'dawn l-attivitajiet. Dawk li jixtiequ jsiru membri jistgħu jagħmlu dan billi jżuru din il-paġna: https://birdlifemalta.org/become-member.



**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ritratti mehmużin:**

1. Il-grupp iffurmat minn membri ta' BirdLife Malta f'Niscemi
2. Membri tal-BOV Sports & Social Club fir-Riserva Naturali ta' Niscemi
3. Is-Siġra tas-Sufra (Cork Oak Tree) monumentali fir-riserva li jingħad li għandha 500 sena, l-ixjeħ waħda fir-reġjun tal-Mediterran

